MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 526/2001/1

**Independent Special Services (Malta) Ltd u b' digriet tad- 9 ta' Mejju, 2002 isem l-attur ghandu jigi jaqra "Independent Special Services (Malta) Limited**

**Vs**

**Oleg u Nadezhda Sevastianov**

**It-Tribunal**

Wara li ra l-avviz tat-talba ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm 826.28c (tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centemzi) rappresentanti servizzi ta' konsulenza u ta' sapport rigward l-appikazzjoni taghhom ghal visa f' New Zealand ghalihom u ghall-familja taghhom.

Illi s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' VSD 1841(elf tmien mija u wiehed u erbghin

dollaru) ekwivalenti llum ghall- (Lm 856.28c) bir-rata tal-kambjali odjerna approssimatwament, izda l-konvenuti baqghu nadmepjenti.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali.
Ra r-risposta fejn il-konvenuti eceppixew illi preliminarjament dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jisma' u jiddeciedi din il-kawza skond l-artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost diga' hemm kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Dr J.R. Micallef fl-ismijiet Oleg Sevonstianov vs Ilia Tourkevitch, Independent Special Services (Malta) Limited (bic-cit. Numru 2023/00, differita 2 ta' Mejju, 2002), liema kawza hija relatata mar-relazzjoni bejn il-partijiet u mal-pretensjoni tas-socjeta attrici u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi s-smiegh ta' din il-kawza pendenti l-kawza quddime il-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-servizzi allegati qatt ma gew rezi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-pretensjonijiet attrici huma bbazati fuq *causa illecita* u ghalhekk l-ammont pretiz mhux dovut;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi s-socjeta' attrici pproduciet il-provi taghha in sostenn tal-pretensjonijiet taghha. Dawn l-istess pretensjonijiet mhux talli ma gewx kontradetti izda ma gew prodotti l-ebda xhieda da parti tal-konvenuti biex jissuffragaw id-

difiza.  Ghalhekk jigi ritenut illi hija esegwit l-oneru ingombi fuqha li tipprova l-kaz taghha.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa'' t-talbiet attrici u jikkundannahom ihallsu is-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm856.28)  bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------